TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 232/13/F

**Michael u Carmen Sammut**

**vs**

**Arnold Vella – Fair Deal Furniture Ltd**

Illum 17 ta' Diċembru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, seba' mija u ħamsin ewro (€1,750) rappreżentanti prezz ta' sufan *recliner, 3 seater sofa* u *1 seater* ta' kulur kannella li beda joħroġlu t-tbajja.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw sufan *recliner 3 seater* u *1 seater*, illi wara ftit bdew ħerġin it-tbajja u s-soċjeta' ntimata kienet bidlet it-*3 seater*. Ġara illi wara li tbiddel reġgħu bdew ħerġin id-difetti, jiġifieri s-sufan beda jiċċara.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet ma deherx għas-seduta, u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ. Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi l-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub.

Għaldaqstant it-Tribunal jinnota n-nuqqas t'attendenza tal-intimat, kif ukoll il-kredibilta' tar-rikorrenti u qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata u b'dan illi s-sufan jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**